**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 t'April, 2016**

**Rikors Nru: 103/2014 MLF**

**Maltacom p.l.c. u b'digriet tal-25 t'April, 2016 il-Qorti awtorizzat li isem is-socjeta' rikorrenti jigi mibdul ghal "GO p.l.c."**

**vs**

**Leslie Richardson**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti GO p.l.c., konfermat bil-gurament minn Dottor Ingrid Zammit Young, debitament awtorizzata, fejn esponiet:

1. Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Avv Nru 251/05 DM) giet deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2005, fl-istess kawza, il-konvenut kien gie kkundannat ihallas lil Maltacom p.l.c. s-somma ta' tlett elef, sitt mija, hamsa u tmenin Liri Maltin u hames centemzu valuta antika (Lm3,685.05) ekwivalenti ghall-tmint elef, hames mija, tlieta u tmenin euro u sitta u tmenin centezmu (€8,583.86) in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21398843.
2. Illi s-socjeta' rikorrenti bidlet isimha ghal GO p.l.c. u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita' guridika ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa' l-istess, cioe' C22334.

3. Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghamel xi pagamenti, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa ta' hamest elef, mitejn, zewg Euro u sitta u tletin centezmu (€5, 202.36) mis-sorte fuq indikati, seba' mija, sitta u disghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€796.65) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll tlett elef, erba' mija, hamsa u sebghin Euro u sitt centezmi (€3,475.06), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-18 ta' Marzu, 2013, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' disat elef, erba mija, erbgha u sebghin euro u seba' centezmi (€9,474.07) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagamenti effettiv.
4. Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet bir-rispett illi dina l-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat ir-risposta ta' Leslie Richardson fejn espona:

1. Illi permezz tar-rikors taghha s-socjeta' GO p.l.c. qed titlob li tkun awtorizzata sabiex tipprocedi ghall-hlas ta' ammont bilancjali ta' €5,202.36 mis-sorte kanonizzat bis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru, 2005, spejjez u drittijiet gudizzjarji fl-ammont ta' €796.65, u €3,475.06 f'imghax legali sat-18 ta' Marzu, 2013.
2. Illi kif jinghad fir-rikors promotur l-esponent ghamel pagamenti akkont, li b'kollox jammontaw ghal €4,178, skont ricevuti li ghandu l-istess esponent (annessi).
3. B'hekk l-ammont bilancjali mis-sorte li jista' jkun dovut huwa dak ta' €4,405 u mhux €5,202.36 kif pretiz mis-socjeta' GO p.l.c.
4. Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha tispjega wkoll kif gie kalkolat l-imghax legali li qed ikun pretiz.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2015, gie verbalizzat illi l-partijiet qablu u ftehmu li l-ammont li attwalment ghandu jithallas lis-socjeta' rikorrenti huwa dak ta' €4,405 liema ammont ghandu jithallas mill-intimat permezz ta' pagamenti mensili ta' €120 kull wiehed bl-ewwel pagament isir fl-1 ta' Dicembru, 2015. Fil-kaz illi l-intimat jonqos milli jeffettwa pagament wiehed, allura jiddekorri l-imghax legali mill-ewwel sentenza tal-4 ta' Novembru, 2005.

Il-partijiet qablu wkoll li l-ispejjez jigu ratizzati bejniethom skont kif giet ridotta t-talba.

Fis-seduta tal-4 t'April, 2016, Dr. Keith Grech ghas-socjeta' rikorrenti nforma lill-Qorti li l-intimat qieghed ihallas il-pagamenti mensili regolarment kif obbliga ruhu li jghamel fil-verbal tas-seduta precedent.

F'din is-seduta sar ukoll is-segwenti verbal: *"L-avukati difensuri jaqblu li din il-Qorti taghti sentenza fejn tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti, b'dan li l-ammont li jista' jigi esegwit ghandu jigi ridott ghall-ammont ta' erbat elef u erba' mija u hames Euro (4405EUR), stante li fis-seduta precedent tad-9 ta' Novembru 2015 il-partijiet qablu li dan huwa l-ammont li ghandu jithallas mill-intimat. Li kif gie verbalizzat fis-seduta precedenti, il-partijiet qablu wkoll li l-ispejjez jigu ratizzati bejniethom skont kif ridotta t-talba."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti, u tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-4 ta' Novembru 2005, b'dan li l-

ammont tas-sorte kanonizzat fis-sentenza li fuqu is-socjeta rikorrenti tista tesegwixxi d-drittijiet taghha, qed jigi ridott ghas-somma ta' erbat elef u erba' mija u hames Euro (€4405.00).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu ratizzati bejn il-partijiet, skont kif gie ridott is-sorte, originarjament pretiz mis-socjeta rikorrenti fir-rikors promotur taghha, bil-provvediment odjern.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**